# MINISTERU GĦALL-FINANZI

## Tibdil fis-sistema tal-ħlas għal-liv tal-maternità

### 1. X'inhi r-raġuni wara din ir-riforma fil-ħlas tal-paga ta' mara li tkun qed tistenna tarbija?

Sa issa kellna sitwazzjoni fejn kull min jimpjega n-nisa jrid iħallas hu l-paga tal-impjegati nisa li joħorġu tqal. Dan seta' jwassal għal diskriminazzjoni kontra n-nisa, għax seta' kien hemm każijiet fejn min iħaddem ipprefera li l-impjegati li jħaddem ikunu rġiel ħalli ma jidħolx fi spiża żejda biex ikopri dawk l-14-il ġimgħa meta impjegata li ssir omm tkun bil-liv tal-maternità. Bis-sistema l-ġdida, kull min iħaddem se jkun qed iħallas kontribuzzjoni minima għal kull impjegat li jħaddem, irrispettivament mis-sess tal-impjegat. Għalhekk, din il-miżura se tkun qed telimina ostaklu ewlieni li seta' kien hemm biex wieħed jimpjega mara. Il-kriterju rilevanti ewlieni biex wieħed jimpjega lil xi ħadd issa se jkun il-kapaċità tal-individwu.

### 2. Dir-riforma se tkun tfisser xi żieda fil-ħlas ta' kontribuzzjoni mill-impjegat?

Assolutament mhux il-każ. L-ebda impjegat mhu se jkun qed iħallas għal din is-sistema.

### 3. Kif se jsir il-ħlas minn min iħaddem għal din is-sistema?

Il-kontribuzzjoni li min iħaddem irid iħallas għal kull impjegat li jaħdem miegħu se tkun qed tiġi irregolata taħt Skeda Għaxra tal-Att tas-Sigurtà Soċjali. Din il-kontribuzzjoni se tkun qed tidħol f'fond speċjali, u se tkun qed tintuża sabiex jitħallsu lura l-flus li jkunu tħallsu minn min iħaddem lill-impjegati li jaħdmu miegħu u li jkunu ħarġu bil-liv tal-maternità. Biex żgur ikun ċar li kull kontribuzzjoni għal dan il-fond tkun tħallset, fid-dikjarazzjoni li kull min iħaddem jibgħat kull xahar lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, se tiddaħħal linja ġdida li tindika kemm min iħaddem ikun ħallas għal dan il-fond.

### 4. Min se jkun qed jagħmel il-kontrolli fuq id-dħul u l-ħruġ ta' pagamenti minn dan il-fond?

Biex ikun hemm trasparenza assoluta, il-Bord ta' dan il-fond se jkun kompost minn tliet membri li jirrappreżentaw lil min iħaddem u membru li jirrappreżenta lill-unjins. Bħala membri *ex-officio* se jkun hemm is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mir-Relazzjonijiet tax-Xogħol. Dan il-Bord se jkun qed jara li kull min iħaddem iħallas il-kontribuzzjoni dovuta, u minn żmien għal ieħor jaħdem kemm għandha tkun ir-rata tal-kontribuzzjoni dovuta.

### 5. Kemm se tkun ir-rata tal-kontribuzzjoni?

Il-Ministeru tal-Finanzi għamel analiżi dettaljata ta' kemm qed ikun hemm nisa li joħorġu tqal u japplikaw għal-liv speċjali tal-maternità; ir-rata tal-fertilità; il-pagi u salarji li qed jitħallsu lill-impjegati nisa li qed jibbenefikaw minn dan il-liv speċjali tal-maternità fil-preżent; u n-numru ta' impjegati, li jinkludi kemm l-

irġiel kif ukoll in-nisa. Dan l-eżerċizzju sar għall-impjegati mas-settur privat biss. Minn din l-analiżi ġie stabbilit li r-rata ta' kontribuzzjoni għandha tkun ta' 0.3 fil-mija tal-paga bażika.

6. **Kif se jsir il-ħlas lill-impjegat?**

Mhu se jinbidel xejn mis-sistema preżenti. L-impjegat se jibqa' jitħallas minn min iħaddmu. Li se jsir, imbagħad, hu li f'kull perjodu li jiġi stabbilit mill-Bord li se jitwaqqaf biex imexxi dan il-Fond, dan se jkun qed jirċievi applikazzjoni mingħand min iħaddem sabiex jingħata rimbors għall-ħlas li jkun għamel għal-liv tal-maternità.

7. **X'jiġri f'każ li min iħaddem ma jkunx ħallas il-kontribuzzjoni dovuta?**

Filwaqt li min iħaddem jibqa' obbligat li jħallas lil dawk l-individwi li jkunu applikaw għal-liv tal-maternità, jekk jinstab li min iħaddem ma jkunx ħallas il-kontribuzzjoni dovuta, min iħaddem ma jiħux lura r-rimbors għall-ħlas li jkun għamel. Barra minn dan, min iħaddem se jkun suġġett għal multi u penali kif stipulati fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

8. **Dan ifisser li s-settur privat se jkun qed iħallas għal dawk l-individwi li japplikaw għal-liv tal-maternità u li jaħdmu fis-settur pubbliku?**

Il-Gvern għamilha ċara li dan il-fond se jkun qed jintuża biex isostni s-sistema għall-impjegati tas-settur privat biss. Għalhekk, il-Gvern se jkompli jkopri l-ħlas kollu dovut għal dawk in-nisa impjegati fis-settur pubbliku li jkunu applikaw biex jieħdu l-liv tal-maternità. Mhux biss hekk, imma l-Gvern se jkompli jħallas għal dawk il-ġimgħat frank li mara hija intitolata għalihom 'il fuq mill-imsemmija 14-il ġimgħa. Dan il-ħlas se jkun qed jagħmlu għall-impjegati kollha, irrispettivament minn jekk il-mara tkunx taħdem mas-settur pubbliku jew mal-privat.

9. **Minn meta se tibda topera din is-sistema?**

Din is-sistema bdiet titħaddem mis-6 ta' Lulju 2015 'l quddiem. Għalhekk, fid-dikjarazzjoni li jmiss li tintbagħat minn min iħaddem f'Awwissu, trid tibda titħallas din il-kontribuzzjoni.

10. **X'se jiġri f'każ li impjegata tkun diġà kienet bil-liv tal-maternità fis-6 ta' Lulju 2015?**

F'każijiet bħal dawn, min iħaddem se jkun qed iħallas il-kontribuzzjoni minn din id-data, u allura jkun intitolat għal rimbors fuq dawk il-ġimgħat li matulhom impjegata tkun qiegħda bil-liv tal-maternità wara s-6 ta' Lulju 2015.

21.VII.2015